dying to talk®

# Dak l-Aktar Importanti

## Bidu tad-Diskussjoni



Sapport għall-anzjani biex jgħarfu x'inhu l-aħjar għalihom

dyingtotalk.org.au

Inizzjattiva permezz ta' Palliative Care Australia dwar *Dying to Talk (Titkellem dwar il-Mewt)*

Dan il-proġett sar b'fondi mill-Gvern Awstraljan permezz tal-Fond tad-Dimenzja u s-Servizzi tal-Kura tal-Anzjani

PalliativeCare AUSTRALIA

## Għaliex Palliative Care Australia ħolqot il-Bidu tad-Diskussjoni

Il-Bidu tad-Diskussjoni ta' 'Dak l-Aktar Importanti' huwa għall-anzjani li jużaw is-servizzi tal-kura tal-anzjani. Huwa ddisinjat biex ikun użat mal-istaff tas-saħħa jew tal-kura tal-anzjani. Jista' jgħin lin-nies jgħarfu dak li jkun tajjeb għalihom, jekk ikunu verament morda jew fit-tmiem tal-ħajja tagħhom.

Palliative Care Australia (PCA) ħolqot il-Bidu tad-Diskussjoni biex jgħin lill-Awstraljani anzjani jitkellmu dwar Dak l-Aktar Importanti għalihom għaliex:

- 8 minn kull 10 persuni jgħidu li huwa importanti li jaħsbu u jitkellemu dwar il-preferenzi ta' kura tagħhom fit-tmiem tal-ħajja.
- Persuna waħda biss minn kull 4 tkellmet mal-familja tagħha dwar il-preferenzi tagħha.
- 6% biss tan-nies tkellmu ma' tabib dwar il-preferenzi tagħhom.

Li titkellem mal-għeżież tiegħek dwar dak li trid jekk tkun verament marid/a jew fit-tmiem ta' ħajtek jista' jkun ta' għajnuna għalik, u għalihom, meta tieħu deċiżjonijiet.

Huwa importanti li tkun taf li l-Bidu tad-Diskussjoni mhux dokument legali jew Pjan ta' Kura bil-Quddiem / Direttiva.

Jekk tkun trid aktar informazzjoni dwar Pjanijiet ta' Kura bil-Quddiem, jekk jogħġbok tkellem mat-tim tal-kura tiegħek. Tista' ssib ukoll aktar informazzjoni fuq paġna 25.



## Sfond

Il-Bidu tad-Diskussjoni kien żviluppat l-ewwel biex jissapportja nies li jgħixu bid-dimenzja biex jieħdu sehem f'diskussjonijiet dwar dak li jistgħu jkunu jridu, kieku kienu morda sewwa jew fit-tmiem ta' ħajjithom. Aħna applikajna l-Linji Gwida ta' Aċċessibilità ta' Dementia Australia, biex niżguraw li l-Bidu tad-Diskussjoni jkun adattat għal dawk bid-dimenzja.

PCA mexxew studju biex jaraw jekk il-Bidu tad-Diskussjoni kienx ta' użu. L-istudju wera li:

- Il-mistoqsijiet kienu sempliċi u faċli biex tifhimhom.
- In-nies setgħu jerġgħu lura lejn it-tweġibiet tagħhom biex ifakkruhom f'dak li qalu.
- Il-mistoqsijiet għenu lill-istaff tal-kura tal-anzjani biex ikunu jafu l-persuna aħjar.
- Ir-riżorsi setgħu jintużaw kemm f'ambjent residenzjali u anke f'kura tal-anzjani komunitarja.
- Il-bidu tad-diskussjoni jkun tajjeb għan-nies kollha li jkunu qegħdin jirċievu servizzi ta' kura tal-anzjani, inklużi dawk li jgħixu bid-dimenzja.

Il-Bidu tad-Diskussjoni issa huwa aġġornat biex jissapportja lill-anzjani kollha u lit-tim tas-saħħa tagħhom jew tal-kura tal-anzjani biex jaraw x'inhuwa 'Dak l-Aktar Importanti' għalihom.

Għal aktar informazzjoni żur il-websajt dyingtotalk.org.au.

## Importanti li titkellem

Il-Bidu tad-Diskussjoni jġiegħlek taħseb x'inhuwa 'Dak l-Aktar Importanti' għalik. Li titkellem dwar dak li tista' tkun trid jekk tkun tassew marid/a jew fl-aħħar ta' ħajtek jista' jgħinek tħaffef l-istress u l-inkwiet. Jista' jgħin lill-għeżież tiegħek ikunu jafu dak li trid u jista' jgħin lin-nies biex jissapportjawk.

Ħafna affarijiet huma importanti għalina u jagħmlu l-ħajja tagħna ta' gost jew sodisfaċenti. Xi affarijiet li nħobbu jistgħu jkunu magħrufa min-nies, pereżempju, l-imħabba tiegħek għall-familja tiegħek. Imma mhux kulħadd jista' jkun jaf li tħobb li jkollok il-mużika favorita tiegħek tindaqq jew li tkun trid toqgħod id-dar kemm jista' jkun possibbli.

## Li Tagħraf 'Dak l-Aktar Importanti'

Hemm 3 taqsimiet fil-Bidu tad-Diskussjoni, kull waħda hija dwar suġġett differenti:

- L-1 Taqsima hija dwarek.
- It-2 Taqsima hija dwar saħħtek.
- It-3 Taqsima hija dwar dak li tista' tkun trid int fl-aħħar ta' ħajtek.

Huwa importanti li tkun taf li meta tingħata l-Bidu tad-Diskussjoni ma jfissirx li dalwaqt se tmut.

Li taħseb u titkellem dwar it-tmiem ta' ħajtek jista' jkun diffiċli u jista' jgħinek li titkellem ma' xi ħadd. It-tabib tiegħek jew ħaddiem/a tal-kura tal-anzjani qiegħed hemm biex titkellem miegħu. Jistgħu jgħinuk biex tkun taf lil min tista' tikkuntattja jekk ikollok xi mistoqsijiet jew tħassib. Tista' tiċċekkja wkoll jekk trid l-informazzjoni fuq paġna 25 għal xi għażliet ta' sapport ukoll.





L-1 Taqsima

# Dwarek

# Dwarek

Din it-taqsima hija dwarek. Fiha mistoqsijiet dwar x'inhu importanti għalik.

Il-mistoqsijiet f'din it-taqsima jistgħu jkunu l-aktar diffiċli biex tirrispondi. Jista' jkollok bżonn tieħu ftit taż-żmien biex taħseb dwar il-mistoqsijiet qabel tikteb xi ħaġa jew inkella wieġeb biss waħda jew tnejn f'ħin partikulari kif tista'.

**Xi affarijiet importanti biex taħseb dwarhom:**

- M'hemmx tweġibiet tajba jew ħżiena – dan huwa dwar x'taħseb int u dak li trid.
- Tista' tibdel it-tweġibiet tiegħek f'kwalunkwe ħin.
- Jekk trid tista' terġa' lura u taħseb dwar il-mistoqsijiet għal darba oħra aktar tard.
- M'hemmx għalfejn twieġeb il-mistoqsijiet kollha.
- Tista' twieġeb xi mistoqsijiet issa u xi oħrajn f'ħin ieħor.
- Li taqsam it-tweġibiet tiegħek jista' jgħin lil dawk ta' madwarek ikunu jafu dak li tkun trid u dak li ma tkunx trid, jekk ma tkunx tista' tgħidilhom.

## Min huma l-aktar nies importanti f'ħajtek?

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

## X'jagħtik l-akbar ferħ fil-ħajja?

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

........................................

## X'jagħtik is-saħħa jew x'iġiegħlek tħossok b'saħħtek?

## X'jagħtik tifsira f'ħajtek? X'jagħmel ħajtek sodisfaċenti?

## Hemm xi tradizzjonijiet kulturali, reliġjużi jew tal-familja li huma importanti għalik?

## Kif tixtieq li tibqa' miftakar/miftakra?

# In-noti tiegħi

Din hija paġna fejn tista' tikteb dak kollu li forsi tkun trid li taħseb dwaru aktar tard jew li titkellem dwaru mal-familja tiegħek, mal-ħaddiem/a tas-saħħa jew tal-kura tal-anzjani.





## It-2 Taqsima

# Dwar saħħtek

# Dwar saħħtek

Din it-taqsima hija dwar saħħtek. Fiha mistoqsijiet dwar dak li tkun trid taf u dak li tkun trid lill-kerer jew lill-familja tiegħek ikunu jafu dwar saħħtek. Jista' jgħinek jew lil nies oħra jagħmlu deċiżonijiet fil-futur.

Ftakar:

- M'hemmx tweġibiet tajba jew ħżiena.
- Tista' tibdel it-tweġibiet tiegħek f'kwalunkwe ħin.
- M'hemmx għalfejn twieġeb il-mistoqsijiet kollha.
- Tista' twieġeb xi mistoqsijiet issa u xi oħrajn f'ħin ieħor.
- Li taqsam it-tweġibiet tiegħek ma' oħrajn, jistgħu jgħinu lil dawk ta' madwarek ikunu jafu dak li trid u dak li ma tridx, jekk ma tkunx tista' tgħidilhom.

**Kemm trid tkun taf <u>int</u> dwar kif il-kwistjonijiet ta' saħħtek jew kif il-kundizzjonijiet mediċi* jistgħu jaffettwawk fil-futur?** *(agħmel tikk f'dak kollu li japplika)*

- ☐ Xejn
- ☐ Mill-anqas possibbli
- ☐ Il-kura u l-għażliet ta' sapport disponibbli għalija
- ☐ Kollox
- ☐ Affarijiet Oħra:

..................................................

**Kemm trid li <u>l-familja u l-kerers tiegħek</u> ikunu jafu dwar il-kwistjonijiet ta' saħħtek jew kundizzjonijiet mediċi* li jistgħu jaffettwawk fil-futur?** *(agħmel tikk f'dak kollu li japplika)*

- ☐ Xejn
- ☐ Mill-anqas possibbli
- ☐ Il-kura u l-għażliet ta' sapport disponibbli
- ☐ Kollox
- ☐ Informazzjoni differenti, skont il-persuna
- ☐ Affarijiet oħra:

..................................................

*Eżempji ta' kwistjoni ta' saħħa jew kundizzjoni medika jistgħu jkunu:

- Dimenzja
- Kanċer
- Pressjoni għolja tad-demm
- jew jista' jkollok kundizzjonijiet oħra..

Kemm trid tkun involut/a f'deċiżjonijiet dwar il-kura tiegħek?

Kemm trid ikunu nvoluti l-familja u l-kerers tiegħek fid-deċiżjonijiet dwar il-kura tiegħek?



Hemm xi ħadd li tixtieq li jkun jaf kollox dwar is-saħħa u l-kura tiegħek?

Hemm xi ħadd li ma trid li jkun jaf xejn dwar is-saħħa u l-kura tiegħek?

## In-noti tiegħi

Din hija paġna fejn tista' tikteb dak kollu li forsi tkun trid li taħseb dwaru aktar tard jew li titkellem dwaru mal-familja tiegħek, mal-ħaddiem/a tas-saħħa jew tal-kura tal-anzjani.





It-3 Taqsima

# Dwar dak li trid fl-aħħar ta' ħajtek

# Dwar dak li trid fl-aħħar ta' ħajtek

Din it-taqsima hija dwar dak li forsi tkun trid fl-aħħar ta' ħajtek.

Jista' jkun diffiċli li tkun taf dak li tista' tkun trid. Tista' tieħu ftit taż-żmien biex taħseb dwar il-mistoqsijiet qabel tikteb xi ħaġa jew tista' tirrispondi biss mistoqsija jew tnejn f'ħin partikulari. Tkun tista' tiċċekkja wkoll il-kards tagħna 'Dak l-Aktar Importanti' (What Matters Most) biex jgħinuk tidentifika dak li huwa importanti għalik. Il-kards jistgħu jinkisbu minn fuq il-websajt dyingtotalk.org.au.

Ftakar:

- M'hemmx mistoqsijiet tajba jew ħżiena.
- Tista' tibdel il-mistoqsijiet tiegħek f'kwalunkwe ħin.
- M'hemmx għalfejn tirrispondi l-mistoqsijiet kollha.
- Tista' tirrispondi xi mistoqsijiet issa u xi mistoqsijiet f'ħin ieħor.
- Li taqsam it-tweġibiet tiegħek ma' oħrajn jistgħu jgħinu lil dawk ta' madwarek ikunu jafu dak li tkun trid u dak li ma tridx, jekk ma tkunx tista' tgħidilhom.
- Huwa importanti li tkun taf li meta tingħata l-Bidu tad-Diskussjoni ma jfissirx li tkun se tmut.

**Jekk tkun marid/a sewwa jew fi tmiem ħajtek, x'ikunu xi affarijiet l-aktar importanti għalik?**

.................................................................................................

.................................................................................................

.................................................................................................

Eżempji ta' dak li tista' tkun trid jistgħu jinkludu:

- tgħaddi aktar żmien mal-għeżież tiegħek
- li jkollok ċelebrazzjoni ta' qabel il-mewt jew attività soċjali m'oħrajn.

Għal akar eżempji, jekk jogħġbok iċċekkja l-kards 'Dak l-Aktar Importanti'.

**Jekk ikollok bżonn iżżid l-ammonti ta' kura medika jew sapport* mill-familja, ħbieb jew kerers fit-tmiem ta' ħajtek, fejn trid tkun?**

☐ Fid-dar

☐ Fi sptar

☐ F'faċilità tal-kura tal-anzjani (nursing home)

☐ Toqgħod ma' xi ħadd għażiż għalik

☐ Affarijiet Oħra

.................................................................................................

*Eżempji ta' sapport jistgħu jkunu li jkollok għajnuna:

- biex tieħu xawer
- biex tmur it-tojlit
- biex tiekol.

## Hemm xi tradizzjonijiet kulturali, reliġjużi jew tal-familja li huma importanti għalik għat-tmiem ta' ħajtek?

Eżempji ta' dak li tista' tkun trid, jistgħu jinkludu:
- li żżur xi post speċjali
- li jissejjaħ qassis jew ministru tar-reliġjon
- li jkollok il-familja preżenti.

## Hemm xi tradizzjonijiet kulturali, reliġjużi jew tal-familja li huma importanti għalik wara mewtek?

Eżempji ta' dak li tista' tkun trid jistgħu jinkludu:
- li tkun ikkremat/a malajr kemm jista' jkun
- li tkun midfun/a f'post speċjali
- li tkun imlibbes/imlibbsa l-abjad.



## Jekk tkun fl-aħħar ta' ħajtek hemm xi ħaġa li ma tkunx trid?

## Għandek xi biża' jew tħassib dwar it-tmiem ta' ħajtek jew li tmut?

**Hemm xi ħaġa oħra li hija importanti għalik dwar dak li trid fl-aħħar ta' ħajtek li tixtieq tikteb?**

# In-noti tiegħi

Din hija paġna fejn tista' tikteb dak kollu li forsi tkun trid li taħseb dwaru aktar tard jew li titkellem dwaru mal-familja tiegħek, mal-ħaddiem/a tas-saħħa jew tal-kura tal-anzjani.

# Il-passi li jmiss

Issa li ndirizzajt il-Bidu tad-Diskussjoni, forsi tkun tixtieq titkellem ma' xi ħadd dwar dak li ktibt.

Tista' titkellem mal-familja tiegħek, ħbieb, tabib jew ħaddiem/a tal-kura tal-anzjani tiegħek.

Forsi tkun trid terġa' lura għall-mistoqsijiet fil-Bidu tad-Diskussjoni aktar tard jew tiċċekkjahom mill-ġdid waqt li l-affarijiet jinbidlu.

Huwa importanti li tiftakar li l-Bidu tad-Diskussjoni mhux Pjan ta' Kura bil-Quddiem / Direttiva.

Dan ir-riżors m'għandux ikun ikkunsidrat bħala parir legali u mhux Pjan ta' Kura bil-Quddiem / Direttiva. Wieħed/Waħda għandu/għandha dejjem jikkonsulta/tikkonsulta ma' professjonisti tal-kura tas-saħħa għal parir dwar iċ-ċirkustanzi speċifiċi tagħhom, inklużi l-ħtiġijiet leġislattivi fl-istat jew territorju tagħhom.

# Taqsima ta' Informazzjoni

Tkun tista' tikseb aktar informazzjoni meta tkun qed taħseb dwar 'Dak l-Aktar Importanti'. Hawn taħt hawn imniżżla l-postijiet minn fejn tista' tikseb informazzjoni ta' għajnuna, imma tkellem mat-tabib tiegħek jew mal-ħaddiem/a tal-kura tal-anzjani jekk ikollok xi mistoqsijiet.

## Servizzi ta' sapport tad-dimenzja

**Dementia Australia** għandha informazzjoni u riżorsi dwar id-dimenzja, inklużi karti ta' informazzjoni u vidjows. Dementia Australia topera n-National Dementia Helpline (Linja ta' Għajnuna Nazzjonali għad-Dimenzja) għal nies li jgħixu bid-dimenzja, il-kerers tagħhom, il-familji u l-ħbieb. Dementia Australia għandha wkoll il-websajt Start2Talk, dementia.org.au/planning-ahead b'informazzjoni ta' għajnuna dwar ippjanar bil-quddiem għal nies li jgħixu bid-dimenzja.

Għal aktar informazzjoni żur il-websajt dementia.org.au jew ċempel il-helpline tagħhom 1800 100 500 (9:00am – 5:00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa).

**Dementia Support Australia** taħdem fi sħubija mmexxija minn HammondCare. Dementia Support Australia għandha helpline għal nies li jgħixu bid-dimenzja, il-kerers tagħhom, il-familji u l-ħbieb.

Għal aktar informazzjoni żur il-websajt dementia.com.au jew tista' ċċempel il-helpline tagħhom 1800 699 799 (24 siegħa, 365 ġurnata tas-sena).

## Sapport

### Lifeline

Organizzazzjoni ta' karità nazzjonali li tipprovdi lill-Awstraljani kollha li jesperjenzaw kriżi personali b'aċċess ta' 24 siegħa sapport fi kriżi. Għal aktar informazzjoni żur il-websajt lifeline.org.au jew tista' ċċempel 13 11 14 (24 siegħa, 7 ijiem fil-ġimgħa).

### Older Persons Advocacy Network (OPAN) (Network ta' Difiża għall-Anzjani)

OPAN jipprovdi difiża b'xejn, informazzjoni u servizzi edukattivi għal nies anzjani biex b'mod effettiv ikollhom aċċess u interazzjoni ma' servizzi tal-kura tal-anzjani b'fondi mill-Commonwealth. Għal aktar informazzjoni żur il-websajt opan.com.au jew tista' ċċempel 1800 700 600.

### QLife

QLife huwa l-ewwel servizz nazzjonali fl-Awstralja – orjentat għall-pariri u referiment għal nies Lesbjani, Gay, Bisesswali, Transgender u Intersex (LGBTI). Għal aktar informazzjoni żur il-websajt qlife.org.au jew tista' ċċempel 1800 184 527.

## Ippjanar ta' Kura bil-Quddiem

Ippjanar ta' kura bil-quddiem huwa mod biex in-nies ikunu jistgħu jidentifikaw dak li jkunu jridu fl-aħħar ta' ħajjithom. Ippjanar ta' kura bil-quddiem ħafna drabi huwa proċess kontinwu u mhux sempliċement konverżazzjoni waħda. Parti importanti minn ippjanar ta' kura bil-quddiem hija li tkun tista' tagħżel persuna li tkun tista' titkellem għalik jekk inti ma tkunx tista' (sostitut/a għat-teħid tad-deċiżjonijiet). Għal aktar informazzjoni tkellem mat-tabib tiegħek jew ħaddiem/a fil-kura tal-anzjani jew żur advancecareplanning.org.au.

## My Aged Care (Il-Kura tas-Saħħa Tiegħi)

My Aged Care hija l-linja tat-telefown u l-websajt tal-Gvern Awstraljan biex tgħin lin-nies isibu informazzjoni u jkollhom aċċess tas-servizzi tal-kura tal-anzjani.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok kellem lit-tim tal-kura tiegħek jew żur il-websajt myagedcare.gov.au jew ċempel 1800 200 422.

## My Health Record (Ir-Rekord tas-Saħħa Tiegħi)

My Health Record huwa sommarju onlajn tal-informazzjoni ewlenija dwar saħħtek. Meta jkollok My Health Record, l-informazzjoni dwar saħħtek tkun tista' tidher b'mod sigur onlajn, minn kullimkien, f'kull ħin – anke jekk tmur toqgħod jew tivvjaġġa fi stat ieħor. Għal aktar informazzjoni tkellem mat-tabib tiegħek jew ħaddiem/a fil-kura tas-saħħa tal-anzjani jew żur il-websajt myhealthrecord.gov.au jew ċempel My Health Record helpline fuq 1800 723 471.

## Sapport għall-Kerers

### Carers Australia

Carers Australia huwa l-korp ewlieni nazzjonali li jirrappreżenta lill-kerers li ma jitħallsux fl-Awstralja, li jaġixxi ta' difiża f'isimhom biex jinfluwenza l-policies u s-servizzi. Hemm assoċjazzjonijiet ta' kerers mal-Awstralja kollha li joffru varjetà ta' sapport u servizzi. Għal aktar informazzjoni żur il-websajt carersaustralia.com.au jew ċempel il-helpline tagħhom 1800 242 636 (9:00am – 5:00pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa).

### Carer Gateway

Carer Gateway huwa servizz nazzjonali b'fondi mill-Gvern Awstraljan. Carer Gateway jinkludi websajt u servizz tat-telefown għall-kerers biex ikollom aċċess għal informazzjoni prattika u sapport. Għal aktar informazzjoni żur il-websajt carergateway.gov.au jew ċempel 1800 422 737.

### Carer Help (Għajnuna għall-Kerer)

Carer Help hija websajt biex tgħin lin-nies fl-Awstralja li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb is-sieħeb/sieħba tagħhom, qarib/a jew ħabib/a li jkunu morda, biex isibu informazzjoni ta' kwalità tajba u riżorsi ta' għajnuna. Tipprovdi informazzjoni, vidjows u riżorsi li tkun tista' tuża biex ix-xogħol tiegħek ta' kerer ikun ftit aktar faċli. Żur il-websajt carerhelp.com.au.

## Kura Palljattiva

Il-kura palljattiva mhix biss dwar kura fl-aħħar tal-ħajja. Għandha l-għan li tgħin lin-nies li jgħixu tajjeb kemm jista' jkun b'mard li jillimita l-ħajja. Kura palljattiva tikkonċentra fuq il-kwalità tal-ħajja tal-persuna, immaniġġjar ta' sintomi u li tipprovdi sapport għall-familja kollha. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok tkellem mat-tim tal-kura tas-saħħa tiegħek. Tista' żżur ukoll palliativecare.org.au jew il-websajt tad-Department of Health health.gov.au/health-topics/palliative-care/planning-your-palliative-care/think-about-what-you-want.

### Li Titkellem dwar il-Mewt (Dying to Talk)

Li Titkellem dwar il-Mewt (Dying to Talk) tgħin lin-nies fl-Awstralja ta' kull età u f'kull livell ta' saħħa biex jitkellmu dwar il-mewt.

Il-mewt ma tingħatax attenzjoni biżżejjed, minkejja li hija xi ħaġa li tmiss lil kulħadd. Li Titkellem dwar il-Mewt għandha l-għan li tgħin lill-Awstraljani jgħarfu x'inhu l-aħjar għalihom fl-aħħar ta' ħajjithom. Għal aktar informazzjoni u biex ikollok aċċess għar-riżorsi dwar li Titkellem dwar il-Mewt, żur il-websajt dyingtotalk.org.au.

## Għarfien

Verżjoni aktar kmieni ta' dawn ir-riżorsi kienet żviluppata ma' Dementia Australia u HammondCare biex tipprovdi informazzjoni għall-istudju. Palliative Care Australia tixtieq tirringrazzja liż-żewġ organizzazzjonijiet għall-involviment u s-sapport tagħhom.

Palliative Care Australia tixtieq tirringrazzja lin-nies li jgħixu bid-dimenzja u l-istaff fil-kura tal-anzjani u l-organizzazzjonijiet involuti fl-istudju għall-għajnuna u l-informazzjoni tagħhom.

Għal aktar informazzjoni dwar l-istudju jekk jogħġbok żur il-websajt dyingtotalk.org.au.

Palliative Care Australia (PCA) hija l-korp ewlieni nazzjonali għall-kura palljattiva. PCA tirrappreżenta lil dawk li jaħdmu biex tinkiseb kura palljattiva ta' kwalità għolja għall-Awstraljani kollha. Bix-xogħol tagħna mill-qrib mal-konsumaturi, il-Membri tal-Organizzazzjonijiet tagħna u l-kura palljattiva u l-qasam aktar wiesa' tas-saħħa, il-qasam tax-xogħol tal-kura tal-anzjani u fil-kura ta' diżabilità, aħna għandna l-għan li ntejbu l-aċċess u nippromwovu l-bżonn għall-kura palljattiva.

Aktar informazzjoni tinkiseb f' palliativecare.org.au


Makai
2019
LKM

## Dwar l-artist

L-artist minn Canberra Les Makai, beda l-karriera tal-arti tiegħu fl-età ta' 41 sena. Qabel dan iż-żmien qatt ma qabad pinzell tal-arti b'idejh. Dejjem kellu x'jagħmel ħafna biex isegwi dan l-interess, sakemm kellu dijanjosi ta' Posterior Cortical Atrophy, forma ta' dimenzja. Les isib l-arti terapewtika u jieħu gost kbir li jaf li l-arti tiegħu ġġib ferħ lill-oħrjan.

Palliative Care Australia, ikkommissjonat lil Les biex jiddisinja x-xogħol artistiku biex jidher fir-riżorsi ta' 'Dak l-Aktar Importanti'. Les inkluda xbihat li n-nies jistgħu jidentifikaw magħhom faċilment u li jgħarfu fil-ħajjiet tagħhom stess. Les uża kuntrast qawwi u linji definiti li huwa jsib faċli li jara u jittama li nies oħrjan li jgħixu bid-dimenzja jkollhom l-istess esperjenza. Ix-xogħol tal-arti jirrifletti l-istil uniku ta' Les, xbihat ikoniċi realistiċi billi juża stil astratt.

PalliativeCare AUSTRALIA

dying to talk®

# Dak l-Aktar Importanti

### Bidu tad-Diskussjoni 2019

dyingtotalk.org.au

Inizjattiva ta' Palliative Care Australia li *Titkellem dwar il-Mewt*

Dan il-proġett sar b'fondi mill-Gvern Awstraljan permezz tal-Fond tas-Servizzi tad-Dimenzja u l-Kura tal-Anzjani